**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U GĦOXRIN**

**29TA' LULJU, 2026**

**Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq fil-17:30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut u s-Sur Jeremy Coleiro.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Kenneth Farrugia

**ASSENTI**

Il-Kunsillier Daniel Muscat

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **27.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 27.1.1 | | Il-Kunsill irċieva email mingħand il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u mingħand il-Kunsilliera Kenneth Farrugia u Kyle Mifsud li ma setgħux jattendu għas-seduta minħabba raġuni personali. ***Dok 1 mehemuż*** |
| | | |
| **27.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 27.2.1 | | Il-minuti numru 26 ġew approvati. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***27.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 27.3.1 | | Is-Sindku xtaqet il-kondoljanzi lill-familja tal-Kunsillier Kyle Mifsud, għat-telfa li ġarbu din il-ġimgħa.<br><br>Is-Sindku qalet li :<br>• Residenta minn Triq Fra Gammarie Zammit tixtieq tagħmel 8 kaxxi fi ġnien fi Triq Fra Gammarie Zammit, biex joqgħodu l-qtates. Is-Sindku rrifjutat li jkun hemm aktar kaxxi għal qtates fi ġnien żgħir. Kien hemm qbil mas-Sindku anke għal fatt li fl-akwata hemm ħafna tiġieġ.<br>• Is-Sindku qalet li ser terġa ġġib lill-kumpanija biex taqbad it-tiġieġ b'akkumpanjament tal-pulizija.<br><br>• Intbagħtu minuti li s-Sindku u l-Kunsilliera Marisa D'Amato kellhom mas-sotto kumitat tal-Orkestra Żurrieq. Il-punti imqajma kienu dawn:<br>o Issir laqgħa mal-Ministru tal-arti u l-kultura biex jitkellmu miegħu fuq fondi.<br>o Jintalab budget għall-orkestra<br>o Tissaħħaħ il-komunikazzjoni mal-Kunsill għax skont is-sotto kumitat, kemm ilu li inbidel il-Kunsillier li jieħu ħsieb l-orkestra, l-orkestra marret lura. Kien hemm qbil li kemm ilha tieħu ħsieb il-Kunsillier Marisa D'Amato saru aktar attivitajiet u inxtraw affarijiet għall-orkestra aktar minn qatt qabel.<br>o Jieħdu sehem fil-programm 'Mill-pjazza għall-pjazza' b'ċertu kundizzjonijiet.<br><br>Il-Kunsilliera Marisa D'Amato qalet li waħda mill-appuntamenti li l-Orkestra Żurrieq trid tkun Jum iż-Żurrieq fost l-oħrajn. Kien hemm qbil li s-Sotto Kumitat Orkestra jrid ħafna mill-Kunsill u għal kull attività tal-Kunsill ma jkunux iridu jattendu. |
| | | |
| | | |
| ***27.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 27.4.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• Project Green kienu talbu biex il-Kunsill jidendifika akwata biex tissebbaħ – hi ssuġġeriet art fi Triq San Martin ma' Triq Dun Vincenz Schembri. Issuġġeriet li jiġu kkuntatjati d-dipartiment tal-Artijiet, biex jibda l-proċess. Kien hawn qbil fuq dan, biex issir ġnien.<br>• Biex jinbidlu t-tabelli tal-MTA tal-heritage trail. Kien hemm qbil li ninfurmawhom li ċċaraw ħafna u waslu biex jinbidlu.<br>• Issir laqgħa biex Ħal Millieri jkun utilizzat b'attivita. Issir serata medjevali u jsir diskors fuq l-istorja tal-akwata inkluż il-kappelli. Is-Sindku qalet li meta jitlesta x-xogħol tal-kappella, tkun tista tiġi organizzata.<br>• Issuġġeriet li l-Kunsilliera jkunu preżenti f'nhar il-festi tar-raħal, quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill waqt li tagħddi l-vara, bħala turija ta' rispett. Kien hemm qbil fuq dan biex isir fis-sena li ġejja. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 27.4.2 | | Il-Kunsillier Marilyn Sammut talbet:<br>• Biex issir mera fi Triq Wied Babu fejn bħalissa hemm il-bins il-blu tal-ħwejjeġ. Ma kienx hemm qbil.<br>• Biex fi Ġnien Misraħ il-Karmelitani jkun hemm l-ismijiet tas-siġar, u ilmenti li l-bankijiet u l-bus stop saru tal-konkos minflok ta' materjal ieħor. Siġar tal-wirdien jeħtieġ li jitneħħew għax velenużi. Is-Sindku qalet li tneħħew ħafna mis-siġar u l-ismijiet tas-siġar ser tagħmel it-talba għalihom.<br>• Biex jissewwa Sqaq l-Iben il-Ħali. Is-Sindku qalet li dak ser isir ġdid.<br>• Biex isir refresh tal-linji fi Vjal l-indipendenza k/m Triq G M Callus.<br>• Marret il-laqgħa plenarja u qalet li l-Kunsill m'għandux riżorsi biex jagħmel reħersal tal-Orkestra.<br>• Talbet biex tibda titwaqqaf is-seduta biex resident ikun jista jitkellem. Is-Sindku ma qablitx li twaqqaf seduta għaliex hi kontra l-liġi. |
| | | |
| 27.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• Fuq il-Kunsill News għandha titneħħa d-delega li għandhu peress li rrinunzjha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qabel ma ġie printjat il-Kunsill News, tqassam lill-Kunsilliera kollha biex jarawh u hu approvah hekk kif kien.<br>• Biex jintuża l-bejt tal-iskola bħala open space. Is-Sindku qalet li meta ser ikollha laqgħa mal-Ministru, ssemmielu dan is-suġġeriment.<br>• Tkellem fuq l-attivitajiet tal-festa. Hu qal li meta jintbagħtu talbiet tal-permessi, l-kunsill għandu jkun infurmat aktar x'ser isir u għandu jistaqsi l-Kunsill (Segretarju Eżekuttiv) mhux irid jistaqsi kunsillier.<br><br>F'dan il-punt is-Sindku qalet li l-Kunsill iqabbad persuna kompetenti li tkun akkumpanjata mill-pulizija biex tara li l-permessi tal-gabbani tal-festa jkunu skont il-permessi. Din is-sena instabu diversi rregolaritajiet. Ser issir laqgħa mal-impjegata li tieħu ħsieb il-permessi biex dawk li ma obdewx ma jerġgħux jingħataw permessi. Kien hemm qbil li din il-persuna tibda tiċċekkja l-permessi, s-Sibt u l-Ħadd.<br><br>Reġa ġie enfasizzat li ma jingħatawx permessi ġodda għall-gabbani/persuni ġodda. Dawk li ma jħallsux għal xi festa u ma jarmawx għandhom jinqatgħu mil-lista għas-sena li jkun imiss. |
| | | |
| | | |
| ***27.5*** | | ***Tenders :***<br>***Services of an Accountant,***<br>***For the Professional services of an Architect,***<br>***Supplies and provision and manintenance of durable Traffic signals and road markings***<br>***Works on pavements, retaining walls and culverts*** |
| | | |
| 27.5.1 | | • Servizz ta' Accountant - kien hemm 8 offerenti<br>• Servizz ta' Perit – kien hemm 7 offerenti<br>• Servizz u provediment ta' sinjali u marki tat-traffiku – kien hemm offerent wieħed<br>• Xogħol ta' pavimentar, bini ta' ħitan u kanali – kien hemm offerent wieħed |

| | | |
|---|---|---|
| | | **Dok 2 Mehmuż**<br><br>Ser issir laqgħa fil-ġimgħa li ġejja biex jiġu aġġudikati tali offerti, mill-Kunsilliera Coleiro, Muscat u Mifsud. Wara jitressqu f'seduta tal-kunsill. |
| | | |
| | | |
| ***27.7*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.***<br>***Approvazzjonijiet ta' xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| | | |
| 27.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br><br>• Fi Triq Bubaqra kien hemm parkeġġ riservat personali għal persuna b'diżabilita, (li għandha mad-dar tagħha żewġ garaxxijiet). Il-persuna b'diżabilita mietet u l-parkeġġ tneħħa fuq ordni ta' TM u sar parkeġġ normali. Il-persuna li baqgħet tgħix fid-dar imsemmija minflok parkeġġ għal vetturi, tridha parkeġġ isfar biex jibqa riservat għaliha. Din il-persuna qed tgħid li dan il-parkeġġ iservi biex ikun jista jgħabbi u jħott mill-ġemb ta' dan il-parkeġġ li jiġi entratura tal-għalqa tiegħu. (**dok u ritratti mehmuża dok 3.)** Kien hemm qbil li jekk hemm bżonn isiru double yellow lines ma din l-entratura imma l-kaxxa għandha tibqa bajda biex ikun jista jipparkja kulħadd.<br>• Biex issir un/loading bay fi Triq Filippu Farrugia quddiem ħanut tal-laħam. Ma kienx hemm qbil.<br>• Biex issir un/loading bay fi Triq Dun Vincenz Schembri quddiem beauty shop. Ma kienx hemm qbil.<br>• Persuna allegat li għamlet ħsara fil-vettura tagħha waqt li kienet għaddejja minn Triq Bronja direzzjoni lejn Ħal Safi għaliex kien hemm nuqqas ta' marki/tabelli li juru central strip. Meta intalbet iġġib ir-rapport tal-pulizija, ma irrispondietx. Kien hemm qbil li tinżebah it-triq u jsiru bollards fuq it-traffic island jew madwarha. **Dok 4 mehmuż**<br>• Il-Kunsill ġie ssuġġeriet biex jorganizza korsijiet ta' tagħlim ta' sewqan tar-rota lir-residenti. Is-sezzjonijiet huma maqsuma f'4 u huma ta' sagħtejn il-waħda. Is-sezzjonijiet bir-roti tal-kiri b'kollox jiswew 600E. Il-kunsill ikun irid isib parkeġġ fejn dawn ikunu jistgħu jitgħallmu. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet fejn Ġnien il-Ġibjun. Kien hemm qbil li isiru tali korsijiet u lill-individwi jħallsu 5e kull wieħed.<br>• Tressqet petizzjoni biex Triq 25 ta' Novembru issir one way. Il-petizzjoni hi iffirmata biss minn ftit residenti li joqgħodu fit-triq imsemmija. Ma kienx hemm qbil ġaladarba ma kienx hemm il-maġġoranza tar-residenti li iffirmaw. **Dok 5 mehmuż**<br>• Is-Sindku għandha stedina mill-ġemellaġġ ta' Morphou. Ser ikollha kollox imħallas mill-kunsill li qed jistedinha.<br>• Saret talba biex fi Triq San Martin k/m Triq Sant Agatha jsiru poles viċin garaxx għaliex għalkemm hemm double yellow lines u saru rapporti lill-pulizija, xorta baqgħu jipparkjaw. Kien hemm qbil li ssir m/c bay u pole. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Persuna ġibdet l-attenzjoni fuq l-arbli antiki li kienu installati fi Triq Dun Guzepp Zammit u li issa ser jinqalgħu. Hi talbet biex il-Kunsill jagħmel manutenzjoni ta' wieħed minn dawn l-arbli dekorattivi u jinstallah f'post ieħor biex jibqa fiż-Żurrieq. Dan minħabba li l-persuna li kienet iddisinjathom kien Żurrieqi u kienu saru fis-snien 70. Kien hemm qbil li tinġib stima ta' restawr u titressaq f'seduta oħra. **Dok 6 mehmuż**<br>• Il-Kunsill intalab jinstalla cctv fi Sqaq numru 2 fi Triq Ħal Far minħabba li qed jitfgħu ħafna skart fil-kantuniera. Is-Cctv li hemm installata fi Triq tal-Kmand, minħabba li indrat, tista tiġi installata fil-post imsemmi fi Triq Ħal Far. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-Kunsill ġie mitlub biex jinstalla cctv fi Triq il-15 ta' Awwissu minħabba li minnha qed jgħaddu vetturi kbar u oħrajn kontra d-direzzjoni tat-traffiku. Il-Kunsill jieħtieġ li jibqa jinsisti fuq l-infurzar u kien hemm qbil li jinkitbu emails lill-pulizija u LESA.<br>• L-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria qed titlob permess għal attività fi Ġnien il-Ġibjun f'Ottubru. Din l-attivita tikkonsisti f'ikel u xorb u ser tkun mifruxa fuq 3 t'ijiem. It-tindif tal-attivita ser isir mill-Għaqda stess. Kien hemm qbil li jingħata permess.<br>• Suġġeriment biex il-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilta li hemm fi Triq Dun Guzepp Zammit jiġi trasferit għal faċċata l-oħra viċi ż-zebra crossing. Kien hemm qbil li jintalab permess mid-dipartiment ikkonċernat.<br>• Tressqet lista ta' ilmenti/suġġerimenti fuq il-linji tat-traffiku. Kien hemm qbil fuq il-lista kollha minbarra fuq suġġeriment wieħed. ***Dok 9 mehmuż*** |
| | | |
| | | |
| 27.7.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li neħħiet ħaddiem li kien mibghut minn District Operations, minħabba ħafna diżgwied u nuqqas ta' xogħol li ma kienx qed isir. |
| | | |
| 27.7.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sindki ġew mistiedna jattendu udjenza mas-Santita' Tiegħu l-Papa Iljun XIV. Is-Sindku aċċettat l-istedina. L-ispejjeż ser joħroġhom il-Kunsill rispettiv. **Dok 7 mehmuż** |
| | | |
| 27.7.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-impjegati tal-customer care imisshom jitilghu notch fil-salarju tagħhom minn notch 4 għal-5. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 27.7.7 | | Il-Kunsill Lokali ġie avviċinat mill-Onorevoli MEP Thomas Bajada biex inkunu l-ewwel Kunsill li ser jaħdem miegħu u jinstalla 'drink free water dispenser' quddiem l-ufficcju tal-kunsill. Qed jiġi ppjanat li ssir ċerimonja qasir fil-bidu ta' Awwissu. Kif ikollna aktar informazzjoni, ninfurmawkom. **Dok 8 mehmuż** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 27.7.8 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li saret talba għal permess biex isir xogħol ta' WSC f'dawn it-toroq : Triq Wied Fulija, Triq il-Wied, Triq l-Gharajjex, Triq Ferdinando Falzon, Triq Xandru D'Amato, Triq il-Mitħna, Triq San Gorg, Vjal l-Indipendenza, Triq Dun Salv Magri, Triq ir-Rettur, Triq Santa Marija, Triq Frangisk Pace. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jgħatix permess u li s-Sindku għandha tagħmel laqgħa mal-Ministru kkonċernat u jmorru magħha l-kunsilliera.<br><br>Xogħol ieħor li nota tiegħu sirna nafu bih illum, ser jibda għada mingħajr ma l-Kunsill ta permess, fi Triq Bubaqra u Vjal l-Indipendenza. Dan hu xogħol urġenti mill-Enemalta. |
| | | |
| ***27.8*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 27.8.1 | | Tressqu il-minuti tar-Reġjun Punent numri 63. |
| | | |
| ***27.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 27.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta'**€149,733.32.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Dino Bonnici u Jeremy Coleiro. |
| | | |
| ***27.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 27.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 19 ta' Awwissu, 2026 fil-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' Awwissu, 2026

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**